MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Awwissu, 2006

Numru 758/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen J. Gatt**
v

**GINO BEZZINA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GINO BEZZINA** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Anthony u Valentina nee Mallia, imwieled Pieta nhar l-erbatx ta' Ottubru 1984 u residenti Blokk B, Flat 8, Triq Wied ion-Noqor, Hal Luqa, detentur tal-karta tal-identita numru 517884M, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fid-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2005 ghal habta tas-sitta ta' filghaxija, fl-Imsida, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-

volunta tieghu ghad-dannu ta’ Anthony Mansueto liema delitt huwa kkwalifikat bgil-valur;

2. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ tletin lira maltin ghad-dannu ta’ Anthony Mansueto.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlieta ta’ Awissu 2006 esibit fl-atti bhala dokument CSH 2 sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-imputat, din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar lilu nhar d-disgha ta’ Awissu 2006 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar d-disgha ta’Awissu 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.
Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputat ikkopera bis-shih maghha sa mill-bidu tal-investigazzjoni, li l-flus misruqa gew kkunsinnati lilha.

**Dwar il-piena,** l-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe dakinhar li gew mahlufa l-akkuzi u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz,

3. L-ammont misruq qua valur kien wiehed zghir, u cioe jammonta biss ghal hmistax il-lira maltin;

4. L-fedina penali relattivament nadifa tal-imputat markata bhala dokument CSH 1 fl-atti odjerni hlief ghal reat wiehed relatat ma pussess ta’ droga Cannabis.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet **il-Qorti**, wara rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 41(a), 267, 284 u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat GINO BEZZINA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ xahar sospiz ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Tordna wkoll li l-flejjes kollha esibiti fl-atti ta’ dan il-procediment, jigu ritornati lil Anthony Mansueto wara lil dan ihalli d-debita ricevuta fl-atti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------